MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 351/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cachia)**
**Vs**
**Massimo Tivisini**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fl-1 ta’ Settembru, 2008, ghall-habta ta’ bejn it-3 p.m. u l-4 p.m., fi Triq L-Ghoxrin ta’ Jannar, f’Hal-Qormi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Eleonora Camilleri kontra l-volonta’ taghha;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna biza lil Eleonora Camilleri li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra Eleonora Camilleri sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lill-istess persuna;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Eleonora Camilleri b'mod li kien jaf jew missu li kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess Eleonora Camilleri;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il buon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
6. wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-28 ta' Frar, 2008, moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Giovanni Vella LL.D, kif ukoll sentenza moghtija fid-19 ta' Mejju, 2008 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mibdula;
7. kiser projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'ordni taht l-artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kiser obbligazzjoni mposta fuqu bl-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghas-somma ta' 2300 Euros;
8. rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara diversi sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 28A sa 28H, 31, 49, 50, 251A, 251B, 339(1)(d), 338(dd), 383, 387 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba' w it-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu ghal prigunerija ta' tmien (8) xhur u wara li rat l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ulterjorment ordnat li l-piena ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Anthony Cachia) vs Massimo Tivisini mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar, 2008, u l-piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal perjodu ta' sena (1) moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Marisa Camilleri w Spettur Anthony Cachia) vs Massimo Tivisini mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-19 ta' Mejju 2008, jigu rezi operattivi sabiex b'hekk l-appellant

ghandu jaghmel perjodu globali ta’ sitta w ghoxrin (26) xahar prigunerija.
Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w illiberatu mill-istess akkuza.
Il-Qorti inoltre ordnat li s-somma ta’ €2300 u cioe’ l-penali mposta permezz tal-obbligazzjoni personali mposta fuq l-appellant taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma d-dikjarazzjoni ta’ mhux hati ta’ l-ewwel akkuza w tillibera l-appellant mill-akkuzi kollha. Fin-nuqqas, l-appellant talab li jinghata piena gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi. Kien hemm biss tlitt okkazzjonijiet fejn l-appellant kien avvicina lill-Eleonora Camilleri. Fl-ewwel wahda ma kien hemm ebda incident. Ftit wara rega' mar biex ikellimha w hi cemplet lill-Pulizija w l-appellant telaq. Fit-tielet okkazzjoni w cioe' dik li grat fis-6.30 pm., Camilleri harget mid-dar u dahlet fil-vettura taghha w x' hin l-appellant avvicinha, hi saqet u l-appellant spicca fuq il-bonnet tal-karozza taghha. Biex tirrizulta t-tieni akkuza irid ikun hemm it-test oggettiv. F' dal-kaz b' dak li rrizulta li ghamel l-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellhiex provi sufficjenti biex issib htija fl-appellant ghax oggettivament ma kienx hemm l-elementi kollha tar-reat. Per konsegwenza lanqas setghet issib htija tat-tielet imputazzjoni ghax l-appellant ma hebbx ghal Camilleri. Illi fir-rigward tar-raba' akkuza li ta fastidju, dan ir-reat jirrikjedi li jkun hemm azzjoni persistenti. Kien naturali li persuna li tkun giet terminata lilha relazzjoni titlob spjegazzjoni ghal dan. Ghalkemm Camilleri ma kienetx

qed tiehu gost bit-tentattivi tal-appellant biex ikellimha, dawn it-tlitt okkazzjonijiet ma jistghux jitqiesu bhala *repeated* jew *over-frequent*. Hu ma kienx qed igib ruhu b' mod dubbjuz. L-azzjoni tieghu ma gabitx allarm u ghalhekk ma kienx hati tal-hames akkuza. Umbaghad jekk il-Qorti tilqa' l-appell, l-appellant kellu awtomatikament jigi liberat mis-sitt u s-seba' akkuzi.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi uhud mill-aggravji huma bazati fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94]; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v.**

**Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done,  then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament “.*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet  li taghhom nstab hati l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami tal-provi jirrizulta li ghal xi seba' xhur l-appellant u Eleonora Camilleri kellhom relazzjoni amoruza li ghaddiet minn certi diffikultajiet u fl-ahhar din giet terminata da parti ta' Camilleri. Jidher li l-appellant ma riedx jaccetta din is-sitwazzjoni w baqa' jippersisti filli javvicina lil Camilleri kontra l-volonta' taghha tant li, kif tixhed l-istess fedina penali aggornata tieghu, l-appellant kien gja gie misjub hati diversi drabi mill-Qrati ghal dan l-agir. Hekk, fis-16 t' April, 2008, kien iinstab hati li fl-**14 ta' Frar, 2008**, kien ta fastidju lill-Eleonora Camilleri u kiser il-paci pubblika bl-ghajjat. Fid-19 ta' Mejju, 2008, kien ukoll instab hati li fit-**18 ta' Frar, 2008**, ssekwestra lil Camilleri, bl-imgieba tieghu kkagunalha biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha, hebb ghaliha, li attakka u ghamel rezistenza kontra Surgent, Pulizija w Police Woman u gab ruhu b' mod li taha fastidju. Fit-28 ta' Frar, 2008, kien instab hati li fit-**22 ta' Frar, tal-istess sena**, kien issekwestra lil-istess Eleonora Camilleri, ikkaguna biza lill-istess Camilleri li ser tintuza vjolenza kontriha, hebb ghaliha, kkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta' w dahal fir-residenza taghha minghajr permess u talli gab ruhu b' mod li taha fastidju. Ghalhekk l-incidenti meritu ta' din il-kawza ma kienux l-ewwel darba li qed jigru izda kienu l-ahhar minn sensiela ta' incidenti simili li taghhom instab hati l-appellant. Mhux hekk biss imma minkejja li kien inghata zewg sentenzi sospizi u multa ghal dawn ir-reati w minkejja li giet imposta garanzija fuqu li ma javvcinax lill-Eleonora Camilleri, xorta wahda **fl-1 ta' Settembru, 2008**, mar jipprova jerga javvicina lill-Camilleri.

Fl-1 ta’ Settembru, 2008, l-appellant l-ewwel, ghall-habta tas-2pm., baghtilha diversi messaggi bl-SMS biex ikellimha w hi rrispondietu li ma tridux jikkomunika maghha. Wara xi nofs siegha rat lill-appellant wara l-bieb taghha. Qalilha li ried ikellimha w hi qaltlu biex jitlaq ghax kienet ser iccempel lill-Pulizija. Dak il-hin telaq. Wara nofs siegha regghet semghetu jghajjat wara l-bieb. Regghet qaltlu biex jitlaq minn hemm u dak il-hin cemplet lill-Pulizija. Dawn gew fuq il-post pero' l-appellant kien lahaq telaq. Il-Pulizija qalulha biex tmur taghmel rapport l-ghassa aktar tard. Peress li dak in-nhar hi kellha

appuntament mal-avukat taghha, Camilleri harget mid-dar f' xis-6 pm. Dahlet fil-car taghha w sakkret il-bieba, meta sabet lill-appellant hdejn il-bieba tad-driver. Missierha, li kien fil-verandah, ghajjat: "*Ara hemm. Ara hemm."* X' hin l-appellant raha ser issuq, mar quddiem il-vettura taghha. Hi ppruvat issuq bil-mod biex hu jersaq. Telghalha fuq il-bonnet, qabad mal-*"wipers"* u hi kompliet issuq bil-mod, sakemm hu nizel minn fuq il-car taghha. Hi baqghet sejra l-ghassa.

Camilleri kompliet tixhed li meta marret lura d-dar ghall-habta tal-10.30 pm., regghet bdiet tircevi l-messaggi SMS u l-appellant beda jitlobha tohrog fil-gallarija. Hallietu ghal zmien biex forsi jitlaq izda ma telaqx. Marret fil-garage biex tara jekk kienx ghadu n-naha l-ohra w ratu ghadu qieghed hemm. Bezghat u cemplet l-ghassa. Gew il-Pulizija w dahhlu persuna fil-vettura taghhom li ssoponiet li kien l-appellant.

L-appellant ma iddezistiex u wara li gie arrestat in konnessjoni ma dan il-kaz kien cemplilha mil-*lock-up* u mill-habs u kien irrabjat ghax kien il-habs minhabba fiha. Beda jheddidha w jghidilha li l-ebda tfajla qatt ma dahhlitu l-habs u allahares jidhol il-habs minhabba fiha.

L-appellant ma xehedx u ma ressaq ebda provi.

Ikkonsidrat;

Li meta wiehed umbaghad iqis il-kondotta refrattarja tal-appellant fir-rigward anki ta' reati kontinwati ta' serq aggravat, ricettazzjoni, w anki li kkaguna feriti gravi lil terza persuna f' okkazzjoinijiet ohra, jidher li Eleonora Camilleri kellha kull raguni li tkun apprensiva bil-persistenza ossessiva tal-appellant li akkost ta' kollox baqa' jinsisti li javvicinha w jmur wara biebha w li tibza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha.

Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*Harassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7$^{th}$. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Mejqus b' dan il-mod altru li jirrizulta l-element ta' ripetizzjoni w tal-persistenza f' dan il-kaz, kemm fid-diversi incidenti li ssuccedew wara xulxin fl-1 ta' Settembru, 2008, kif ukoll fl-isfond tal-incidenti precedenti .

Ikkonsidrat;

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz *"harassment*") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li

riferenzi ghall-ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata’ : (“*alarming”)* jew idejjaq: (“*causing ..distress”)* lill-persuna.

Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta’ min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza’ li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta’ tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe’ li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza (“*whose course of conduct is in question*”), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza’ f’haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f’ xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza’ fil-persuna l-ohra f’ dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-*reasonable man*. Hemm ukoll f’ dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A (3)(a)(b) u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta’ haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta’ taghha jew ta’ haddiehor.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta’ fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata’ jew idejjaq lill-persuna. *(“alarming the person or causing the person distress”* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *”harassment”.* Issa fil-waqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F’sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista’ jiehu l-fastidju jew *harassment* hu dak tal-ippedinar,

insegwiment jew bl-Ingliz *“stalking*”. Dan l-agir jista’ jkun provokat minn diversi ragunijiet jew “*patterns of behaviour”.* Jezistu per ezempju kazijiet ta’ ***“rejected stalkers”*** fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-*“rejection*” mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta’ *“resentful stalkers”* li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-*“intimacy seekers”* li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta’ mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-*“erotomanic stalkers”* li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta’ *stalker* hu dak tal-“*incompetent suitor”* li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta’ inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-*“predatory stalker”* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta’ xi tip ta’ attakk sesswali.

Kull tip ta’ dan l-agir pero’ hu kalkolat li johloq certa biza’ f’ dak li jkun b’mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Illi mix-xiehda ta' Camilleri kif gja intqal jirrizulta wkoll li dawn l-incidenti tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kienux ta’ darba jew kaz izolat imma kienu preceduti minn ohrajn fejn l-appellant sahansitra kien processat u nstab hati ta' sekwestru w fastidju fil-konfront ta' Camilleri. Minkejja l-kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' sentenzi sospizi w garanzija imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta’ *“rejected stalker”* u dan hu proprju l-agir li fil-fehma ta’ din il-Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixxi l-ligi bl-artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal-2005.

Ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li hi haga naturali li hu jitlob spjegazzjoni minnghand l-ex-

amanti tieghu talli hallietu, din il-Qorti ma tistax - f' dan il-kaz - tissimpatizza b' xi mod ma din it-tezi tal-appellant li hass ruhu “jilted”, dizappuntat,jew dizilluz u mwegga’ bl-agir tal-ex-amanti tieghu. Dan hu ragel matur ta' erbghin sena, mizzewweg u b' mara tigri warajh ghall-manteniment - kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu - w mhux xi guvni ta’ eta’ tenera mimli bl-ideali w illuzjonijiet giovanili dwar l-imhabba. Ghalhekk ma tistax ma tqisx li l-agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, thoss li ma ghandhiex tiddisturba il-gudizzju tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta’ htija tat-tieni w r-raba imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

L-appellant pero' ghandu ragun li jilmenta li mill-fatti deposti ma jirrizultax li hu hebb ghall-Eleonora Camilleri fl-1 ta' Settembru, 2009. Bil-fatt li tela' fuq il-bonnet tal-karozza ma jigix li kkommetta din il-kontravvenzjoni kontemplata fit-tielet imputazzjoni.

Invece, pero' ladarba jirrizulta li f' okkazzjoni minnhom beda' jghajjat barra t-triq, dan kien jikkostitwixxi l-element rikjest biex tirrizulta l-kontravvenzjoni li kiser il-buon ordni b' ghajjat kontemplata fil-hames imputazzjoni.

Ghar-rigward tat-talba ghar-riduzzjoni fil-piena - ghalkemm ma hemmx aggravju dwar dan - din il-Qorti meta tqis il-kondotta arci refrattarja tal-appellant, li kemm ilu hawn Malta meta gie minn pajjizu fi Sqallija, mill-1994 'l hawn, diga' nstab hati mill-Qrati ghaxar darbiet, u fosthom ghall-reati serji kif gja fuq gie accennat u meta tqis li gja gie kundannat erba (4) darbiet ghall-sentenzi sospizi u darba ghall-piena karcerarja effettiva, u meta tqis li r-reat kontravvenzjonali tal-istorbju kien ovvjament gie assorbit fir-reati aktar gravi li ghalihom serva bhala mezz ghall-fini, ma tara li hemm ebda lok ghall temperament fil-piena w fil-provvedimenti li nghataw fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellant limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w hati tal-akkuzi w l-addebiti l-ohra dedotti kontra tieghu hlief ghat-tielet akkuza w fejn ikkundannatu ghall periodu globali ta' sitta w ghoxrin (26) xahar prigunerija u fejn ordnat li s-somma ta' Euro 2300, u cioe' l-penali imposta permezz tal-obbligazzjoni personali imposta fuqu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta w tirrevokaha biss fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni ta' hebb u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------